MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 187/2007

Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali
vs
Emanuel Dingli

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tad-Direttur, Qrati u Tribunali li bih espona:

Illi Francis u Theresa mizzewgin Portelli ipprezentaw kawza kontra Stanislaw u Josephine mizzewgin Pisani ossija Citazzjoni Nru. 1762/97NC fejn il-Perit Renato Laferla gie appuntat bhala Perit Tekniku sabiex jirrelata fil-kaz;

Illi, meta l-Perit tekniku mar biex jesegwixxi l-inkargu tieghu nhar is-17 ta’ Marzu 2005 fil-fond ‘The Bothy’ Triq Guza Burlo` Tarxien, Emanuel Dingli, li huwa l-okkupant ta’ dan il-fond accetta li jhalli jidhol il-Perit Tekniku biss izda irrifjuta li jhalli lill-atturi jkunu prezenti waqt l-access.

Konsegwentement il-perit dahal wahdu fil-post sabiex jaghmel il-kostatazzjonijiet tieghu mentri l-atturi baqghu barra;

Illi permezz ta' rikors ipprezentat fit-28 ta' April 2005 l-imsemmi Francis Portelli gab ghal konjizzjoni ta' dina l-Qorti dana kollu u talab li jigi dikjarat null l-accessa fuq imsemmi li nzamm mill-Perit tekniku nhar is-17 ta' Marzu 2005 kif ukoll sabiex il-Qorti tordna li jibdew kontra Emanuel Dingli proceduri ghal disprezz lejn l-awtorita taghha ai termini tat-Titolu XVII tat-Tlielet Ktieb tal-Kapitolu 12;

Illi b'digriet tat-18 ta' Novembru 2005 din il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrent;

Illi ghalhekk qieghda ssir din il-kawza;

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

1. Issib lill-intimat Emanuel Dingli hati ta' disprezz ghall-awtorita` taghha fit-terminu tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12; u

2. Konsegwentement tikkundanna lill-istess intimat ghall-pieni preskritti mil-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li gie ngunt in subizzjoni u bit-twissija li jekk ma jidhirx huwa jista jigi mgieghel biex iwiegeb ghall-akkuzi bil-mezz ta' mandat ta' skorta jew ta' arrest.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti pprezentati mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' Emmanuel Dingli li biha eccepixxa:

1. Illi l-intimat ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li qatt ma kien u m'hux involut fil-kawza

fl-ismijiet. Francis Portelli vs Stanislaw Pisani etc citz Nru 1762/97NC.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, hi assurda li l-intimat, li hu sid cum propretarju tal-fond fejn qed jghix, jigi involut f'kwitsjoni li hi estranja ghalih u meta hu m'hux parti mill-kawza!

3. Illi fil-meritu w minghajr pregudizzju ghas-suespost filwaqt li l-intimat ghandu l-ikbar rispett lejn l-awtorita`, jekk kien hemm xi oggezzjoni, din ma ghandhiex tigi interpretata bhala disprezz. Illi f'socjeta` demokratika taht ir-***Rule of Law*** disprezz m'ghandhiex tintuza bhala arma w/jew tigi interpretata b'mod negattiv ghax individwu joggezzjona biex jissalvagwardja d-drittijiet tieghu.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mill-intimati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Xehed il-Perit Renato Laferla u qal li hu l-Perit Arkitett nominat mill-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Francis Portelli vs Stanislaw Pisani, Citazzjoni numru 1762/1997 quddiem l-Imhallef Raymond Pace. Is-Sur Dingli li kien il-proprjetarju tal-parti li tigi taht id-dar tal-attur, ma riedx ihalli l-attur jidhol ghall-access, Emanuel Dingli, l-konvenut tal-llum. Hu kien ordna biex jaghmel l-access fuq il-post, prattikament biex jistma kemm tiswa dik il-bicca art xejn izjed. Meta mar ma riedx idahhlu, ma riedx jippermettilu u qallu jekk ma ddahlux kien ser jiffaccja possibilta` ta' azzjoni kontra tieghu ta' disprezz tal-Qorti, kien avzah jigifieri u registra li avzah fil-verbal tal-access.

Gie muri lilu fol 21 tal-process, qal li fil-verbal tal-access hu kien nizzel li, l-ewwel qal li kien ezamina l-partijiet kollha tal-fond u ha l-qisien tal-bitha ta’ wara li jigi fuq il-kamra in kwistjoni u wara l-Perit sottofirmat, kwota kelma b’kelma, acceda fil-fond kontigwu “ilgnid” fejn kien hemm prezenti Emanuel Dingli, li ma riedx jippermetti lill-atturi li jidhlu, kemm hu u kemm il-mara tieghu u dana nonostanti li s-sotto firmat avzah li rifjut da parti tieghu jistgha jwassal ghal-mizuri dixxiplnari fil-konfronti tieghu da parti ta’ din il-Qorti ghad-disprezz tal-ordnijiet taghha. Gie mholli jidhol fil-fond, izda Dingli ma hallix lil Francis Portelli li jidhol fil-fond waqt l-access tal-Qorti. Mhux biss avzah li ghandu dritt jidhol izda kien anka qallu li seta’ jidhol fl-inkwiet jekk ma jhallih, minkejja dan xorta wahda baqa’ jinsisti. Qal li kienet anke wara nqalghet kwistjoni quddiem il-Qorti li l-istima tieghu ma kenitx ghogbitu lil Francis Portelli ghax dehrlu li kellu jiehu aktar u li hu lanqas biss mar ghall-access. L-Imhallef Pace kien qallu jerga’ jmur kienx hemm xi possibilta` li din ha tidbiddel, u hu kien qallu li certament li le u kienu hadu d-decizjoni li ma hemmx ghalfejn jerghgu jmorru.

L-intimat qatt ma deher biex isostni l-eccezzjonijiet tieghu jew jispjega l-agir tieghu jew jitlob skuza.

In-nota li kellu jipprezenta l-konsulent legali tar-rikorrent qatt ma giet prezentata.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Fil-proceduri ta’ dan it-tip, ir-Registratur ghandu jibda - kif jigi ordnat mill-Qorti - il-procedimenti mehtiega ghal disprezz u f’tali proceduri l-istess Direttur (ghalkemm ordnat) ghandu jitqies bhala attur.

Fis-sentenza tal-Prim’Awla (Onor. Imh. Dr. Geoffrey Valenzia) tad-29 ta’ Ottubru, 2007 fl-ismijiet **Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali vs Joseph Tonna** inghad li proceduri ghal disprezz huma proceduri specjali u partikolari u jikkoncernaw l-amministrazzjoni tal-gustizzja b’mod generali u li ghalhekk isiru fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili.

Huwa r-Registratur li ghandu jibda l-procedimenti mehtiega kif jigi ordnat mill-Qorti (Appell Civili Inferjuri (Onor. Imh. Dr. Said Pullicino) tat-12 ta’ Jannar 1996 fl-ismijiet **Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali vs Salvu Psaila)**

B’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri (Magistrat Dr. Anthony Ellul) fit-12 ta’ Gunju 2007 fil-kawza 108/2006 fl-ismijiet **Ir-Registratur tal-Qorti (Ghawdex) vs Teddy sive Guda Taddeus Grima**, il-Qorti b’riferenza ghall-kwistjonijiet ta’ disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti ikkonfermat li ordni ta’ Qorti tista’ tigi biss ineffettiva b’ordni iehor kuntrarju ta’ dik il-Qorti jew ta’ Qorti ohra u sakemm dan isir hu l-obbligu ta’ min ikun hekk gie hekk ordnat li jagixxi skond din l-ordni taht piena fin-nuqqas ta’ disprezz lejn l-awtorita` taghha.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Registratur tal-Qrati Superjuri vs Paul Zammit et** deciza fl-14 ta’ Novembru 2000 – Prim’Awla (Onor. Imh. Dr. Raymond C. Pace) inghad li a favur il-konvenuti jinghad li fl-ebda mument ma kienet uzata xi vjolenza, ghalkemm l-ostakolu kien xorta effettiv sa dakinhar u di piu` jirrizulta li sussegwentement l-istess mandat ta' deskrizzjoni gie esegwit bil-kwiet u l-konvenuti ikkolloboraw ma' l-istess Marixxal. Illi pero` dan ma jfissirx li tali atti ta’ disprezz ma sarx, izda l-Qorti ghandha tiehu konjizzjoni ta’ l-istess meta tigi sabiex tistabbilixxi l-piena ghall-istess.

U fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Civili Superjuri fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Qorti vs John Micallef** tat-30 ta’ Settembru 1983 **(**LXV11-1-11-115) inghad li l-Qorti ghandha kull setgha biex twettaq il-harsien ghall-mandati taghha u tesigi rispett lejn l-ufficcjali taghha. Ir-rispett ghandu jissussisti kemm fil-konfront taghha kif ukoll fir-riward ta’ l-operat esklussiv taghha. Meta dak li jinsab hati ta’ disprezz joffri l-iskuza inkondizzjonata tieghu ghalkemm dan ma jnehhix ir-responsabilita` ta’ l-imharrek jista’ jaghti lok ghall-attenwazzjoni tal-piena inflitta.

U fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Qorti vs George Galea** Appell Civili Superjuri – 14 ta’ Marzu 1988 - LXXII-I-II-226 inghad li dak li ghamel il-konvenut jikkostitwixxi att kontra l-ligi u jehtieg li kulhadd jifhem tajjeb li biex jinzamm il-buon ordni fis-socjeta` hadd ma jista’ jmur kontra l-ligi. Il-konvenut ma kellu l-ebda dritt li jinjora l-inibizzjoni tal-Qorti. F’dak il-kaz il-konvenut talab skuza. Pero` hija gurisprudenza kostanti li ghalkemm il-htija tibqa’ t-talba ghal xi skuza tista’ timmitiga l-htija ta’ min jikkommetti atti ta’ disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti.

Diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea jsemmu li proceduri ghad-disprezz tal-Qorti ma kinux suggetti ghar-regoli normali li hadd ma jista’ jitlef il-liberta` jekk mhux ghax jinstab hati fuq offiza. Il-proceduri ghad-disprezz ma kinux ta’ natura kriminali izda jikkostitwixxu esercizzju ta’ poteri dixxiplinari mill-Qrati. (Prim’Awla (Sede Kostituzzjonali) Onor. Imh. Dr. G. Camilleri fl-20 ta’ Gunju 2003 **Ignatius Busuttil vs Avukat Generali**)

Ara wkoll is-sentenza ta’ din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali vs Gorg u Mary konjugi Mifsud** tat-3 ta’ Gunju, 2008 [419/07FS].

Il-konvenut agixxa kontra l-ordni tal-Qorti. Naqas li jaghti spjegazzjoni ghaliha. L-agir tieghu jammonta ghal disprezz

## E. KONKLUZJONIJIET:

Illi ghalhekk jirrizulta li l-eccezzjonijiet ma gew b’ebda mod sostanzjati, u qedghin jigu michuda.

Issib lill-intimat Emmanuel Dingli hati ta’ disprezz ghall-awtorita` taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12; u

Konsegwentement tikkundanna lill-istess intimat ghal multa ta’ mija w hamsin ewro [€150].

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------